## IT-TIELET SEZZJONI — APPELLI INFERJURI

**28 ta' April, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**

Antonio Abela

*versus*

Lorenzo sive Wenzu Desira

**Appell — Kontumaċja — Kompetenza**

*Jekk l-assenza tal-konvenut meta ġew lilu preżentati l-kapitoli għas-subizzjoni kienet faċilment evitabbli u volontarja, il-kontumaċja tiegħu mhix ġustifikata, u għalhekk jibqgħu jseħħu kontra tiegħu l-effetti ġuridiċi tas-subizzjoni.*

*Jekk l-Ewwel Qorti, qabel is-sentenza fil-meritu, kienet iddisponiet b'digriet mill-eċċezzjoni tal-inkompetenza tagħha, u appell minn dak il-pronunċjament ma jkunx sar, il-Qorti tal-appell ma tistgħax tieħu konjizzjoni ta' dak id-digriet, għax ikun għadda f'ġudikat, fil-waqt li fil-meritu, minħabba assenza ta' ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, it-talba tibqa' ġustifikata bil-konfessjoni preżunta mil-liġi per mezz tas-subizzjoni.*

Il-Qorti:— Wara li rat it-talba tal-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut li fi żmien qasir u perentorju, li jiġi lilu prefiss, jiżgombra mill-kumditajiet minnu okkupati fil-fond 3 Be-land Street. Żejtun, peress li qiegħed jokkupa l-istess mingħajr titolu validu, billi għall-fini tal-kompetenza ġie dikjarat li l-valur lokatizju tal-kumditajiet imsemmijin ma jeċċedix l-£10 fis-sens. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra nterpellatorja, kontra l-konvenut;

*Omissis*;

Rat is-sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta tad-9 ta' Frar 1962. li biha dik il-Qorti ddeċidiet billi laqgħet it-talba. bl-ispejjeż. u pprefiġġiet lill-konvenut xahar żmien biex jiżgombra; billi kkunsidrat;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appell li biha l-konvenut appella mis sentenza fuq imsemmia tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, u rat iċ-ċitazzjoni li biha l-istess konvenut appellant talab ir-revoka tal-istess sentenza; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant kien qajjem eċċezzjoni li huwa kien komproprijetarju, u għalhekk kellux jiżgombra; u dik il-Qorti, b'digriet tat-22 ta' Diċembru 1961, ipprefiġġietlu xahar żmien biex jiddeduċi dik il-pretensjoni tiegħu quddiem il-Qorti kompetenti, pere kwistjoni tal-proprijetà kienet teżorbita mill-kompetenza ta' dik il-Qorti. L-appellant ippreżenta rikors lil dik il-Qorti fejn talab li dik il-Qorti tirrevoka "contrario imperio" l-imsemmi digriet u tagħti deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni tal-inkompetenza. Dik il-Qorti, b'digriet tat-30 ta' Diċembru 1961, ċaħdet dik it-talba, u ordnat li l-konvenut — l-appellant tal-lum — jikkonforma ruħu mad-digriet tat-22 ta' Diċembru 1961. Iżda l-konvenut ma għamel xejn, u dik il-Qorti qatgħet il-kawża wara li l-konvenut kien baqa' kontumaċi għall-kapitolu tas-subizzjoni, li għalhekk ittieħed bħala mistqarr;

Ikkunsidrat;

Illi fl-istadju tal-appell il-konvenut appellant ma ġġustifikax soddisfaċentement il-kontumaċja għall-finijiet tas-subizzjoni għax l-assenza tiegħu f'dik l-okkażjoni kienet faċilment evitabbli u volontarja. Għaldaqstant l-effetti ġuridiċi tas-subizzjoni jibqgħu jseħħu kontra l-appellant;

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti, tajjeb jew ħażin, iddisponiet mill-eċċezzjoni tal-inkompetenza biż-żewġ digrieti fuq imsemmijin u minnhom l-appellant ma appellax, u għalhekk din il-

Qorti ma tistgħax tieħu konjizzjoni tagħhom, billi għaddew f'ġudikat, fil-waqt li fuq il-meritu, fl-assenza ta' ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, it-talba tibqa' ġustifikata bil-konfessjoni preżunta mil-liġi per mezz tas-subizzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellant; iżda tordna li t-terminu mogħti fis-sentenza appellata għall-iżgumbrament jibda mil-lum.